MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 56/2008

**Maria Assunta Pace mart Ignatius Pace;**

**Angela Micallef mart Marco Farrugia;**

**Victoria armla ta’ Joseph Micallef li b’digriet tal-4 ta’ Mejju 2006 ġiet nominata kuratriċi tal-interdett binha James Micallef u kif awtorizzata permezz ta’ digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja [Digriet numru:06/2008 (AE)] biex tipprovdi bil-kawża odjerna;**

**Yvonne Cauchi mart George Cauchi**

**vs**

**Francis Xavier sive Xavier Micallef;**

**George Micallef**

**Illum 2 ta' Ottubru 2012**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew illi:

Illi missier l-attriċi Maria Assunta Pace li kien jismu Antonio Micallef miet fil-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena 1999 (Dok 'A') u omm l-istess Maria Assunta Pace, li kien jisimha Michelangela Micallef mietet fis-sittax (16) ta' Lulju 2003 (Dok 'B');

Illi l-atturi l-oħra u cioé Angela Micallef, Yvonne Cauchi, James Micallef kif rappreżentat minn ommu Voctoria Micallef jiġu ulied il-mejjet Joseph Micallef li miet fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena 2003 (Dok 'C') u dan kien jiġi iben l-istess Antonio Michelangela Micallef;

Illi l-imsemmija konjuġi Antoni u Michelangela konjuġi Micallef iddisponew minn ġidhom permezz ta' testament unica charta tat-tleita u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena 1995 fl-atti tan-nutar Michael Refalo (Dok 'D') u dana kif jirriżulta mir-riċerki testimentari dokumenti 'E', 'F', 'G' u 'H'.

Illi bl-imsemmi testment, it-testaturi wara li ħallew diversi assi immobbiljarji lil uliedhom, il-konvenuti Francis Xavier sive Xavier Micallef u George Micalef, b'titolu ta' legat innominaw bħala eredi universali tagħhom lil uliedhom Vincenza Cassar, Francis Xavier sive Xavier Micallef, George Micallef, Maria Assunta Pace u Joseph Micallef (illum mejjet u li kien jiġi missier ir-rikorrenti Angel Micallef, Yvonne Cauchi, James Micallef, li hu interdet u rappreentat minn ommu Victoria Micallef);

Illi b'nota ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja tal-erbatax (14) ta' Ottubru 2003, Vincenza Cassar irrinunzjat għall-wirt tal-ġenituri tagħha u cioé tal-imsemmija Antonio Micallef u għall-wirt tal-imsemmija Michelangela Micallef u hemm kawża pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet: "Vincenza Cassar mart Victor Cassar vs Francis Xavier sive Xavier Micallef

et” (Ċitz. Nru:122/2003) għal leġittima spettanti lilha skond il-liġi fuq l-istess ereditajiet;

Illi l-atturi irrinnzjaw għal wirt tal-imsemmi Antonio Micallef kif ukoll għal wirt tal-imsemmija Michelangela Micallef b’riserva għal jedd tal-porzjon riservat spettanti lilhom skond il-liġi u dan permezz tad-diversi noti ripreżentati fil-Qorti tal-Maġistrati Għawdex [Ġurisdizzjoni Volontarja (Dok “J”, “K”, “L”, “M”)];

Illi għalhekk il-konvenuti Francis Xavier siver Xavier Micallef u George Micallef huma illum l-uniċi eredi tal-mejtin Antonio u Michelangela konjuġi Micallef;

Illi l-atturi iridu illi tiġi likwidata u mħalsa skond il-liġi il-porzjon resiervat jew il-leġittima kif ingħad;

Illi għalkemm interpellati mill-atturi sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tal-leġitma spettanti lilhom, l-intimati baqew inadempjenti;

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandiex din il-Qorti:

1. Tillikwida l-leġittima spettanti lill-atturi mill-assi ta’ l-imsemmi Antonio Micallef, mill-assi ta’ l-imsemmija Michelangela Micallef, prevja li jsiru:

a) Il-kollazzjonijiet li jirriżulta li għandhom isiru skond il-liġi;
b) Il-likwidazzjoni ta’ l-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn l-istess konjuġi Antonio u Michelangela Micallef;
c) Id-diviżjoni ta’ dawn l-assi f’żewġ porzjonijiet ugwali, li jiġu assenjati waħda lil assi partikolari ta’ Antonio Micallef u l-oħra lill-assi partikolari ta’ Michelangela Micallef;
d) Il-likwidazzjoni tal-assi partikolari ta’ Antonio Micallef;
e) Il-likwidazzjoni tal-assi partikolari ta’ Michelangela Micallef;

2. Tikkundanna lil intimati sabiex jassenjaw lill-atturi Maria Assunta Pace Bħala bint il-mejtin Antonio u

Michelangela Micallef u lill-eredi ta' Joseph Micallef, iben ieħor ta' l-istess Antonio u Michelangela Micallef u cioé Angela Micallef, Yvonne Cauchi u l-interdett James Micallef kif rappreżentat minn ommu Victoria Micallef, l-istess leġittima hekk likwidata skond il-liġi, prevja li għal dan il-fini ssir ir-riduzzjoni ta' kull disposizzjoni tat-testment fuq imsemmi illi tirriżulta leżiva ta' l-istess leġittima spettanti lill-atturi; u

3. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jirċievi u jippubblika l-att opportun fid-data, ħin u lok iffissati minn dina l-Qorti u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Ġurisdizzjoni Volontarja) kontra l-konvenuti li huma inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti Francis Xavier u George aħwa Micallef li biha eċċepew illi:

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti, fil-kwalita' tagħhom ta' eredi uniċi ta' Antonio u Michelangela konjuġi Micallef, qed jeċċepixxu l-inkompatibilita' tal-istitu tal-leġittima ossia l-porzjon riservat mal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-ewwel artiklu ta' l-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jifforma parti mill-ordinament tagħna permezz tal-Kap.319 peress illi ħadd ma' jista' jsoffri teħid forzus tal-proprjeta' tiegħu kif qed jippruvaw iwettqu l-atturi mingħajr ma' jingħata kumpens xieraq. Għaldaqstant, l-eċċipjenti qed jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti tirreferixxi dina l-kwistjoni lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sede Kostituzzjonali sabiex tiddisponi minn din il-lamentela ta' indoli kostituzzjonali skond il-liġi;

2. Illi fit-tinei lok, u bla preġudizzju għas-suepost, l-esponenti qed jitolbu l-konnessjoni ta' dina l-kawża mal-kawża l-oħra b'mertu simili fl-ismijiet "Vincenza Cassar mart Victor Cassar vs Francis Xavier sive Xavier Micallef et" (Ċitz. Nru. 122/2003) appuntata quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif presjeduta;

3. Illi fit-tielet lok, u bla preġudizzju għas-suepost, l-esponenti qed jitolbu ukoll illi l-kawżi msemmija ġaladarba jiġu konnessi, jiġu sprasjeduti pendenti l-esitu tal-kawża fl-ismijiet "Vincenza Cassar mart Victor Cassar vs Francis Xavier sive Xavier Micallef et" (Ċitz. Nru. 132/2004) appuntata quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta stante illi l-esitu ta' dina l-kawża jinċidi fuq l-entita' tal-assi tad-*de cuius*;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Marzu 2009 fejn ordnat il-konnessjoni ta' din il-kawża mal-kawża numru 122/2003 fl-ismijiet: "Vincenza Cassar vs Francis Xavier Micallef et."

Rat l-atti ta' l-istess kawża.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Novembu 2004 fl-istess kawża, li bih ħatret lill-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku sabiex jagħmel stima tal-proprjetajiet immobiljari formanti parti mill-assi li kellhom il-ġenituri tal-kontendenti.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku ppresentata fid-9 ta' Jannar 2009 u minnu maħlufa fid-29 ta' Jannar 2010.

Rat il-verbal tagħha tat-12 ta' Ġunju 2012 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u dokumenti oħra esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu li jingħataw il-leġittima spettanti lilhom mill-assi tal-ġenituri jew nanniet rispettivi tagħhom, il-mejtin Antonio u Michelangela konjuġi Micallef, u dan wara li kienu debitament irrinunzjaw għall-wirt tagħhom permezz ta' diversi Noti ppresentati f'din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja

Tagħha,[1] biex b'hekk spiċċaw bħala uniċi eredi ta' l-istess konjuġi Micallef, il-konvenuti presenti Francis Xavier u George aħwa Micallef. L-eċċezzjonijiet, ta' natura preliminari, mogħtija mill-istess konvenuti kollha ġew rinunzjati,[2] u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

L-assi mmobiljari li kellhom il-konjuġi Micallef, bil-valur tagħhom kif stabilit mill-perit tekniku fil-kawża konnessa (Ċitaz. Nru.: 122/2003), rriżultaw li kienu s-segwenti:

1. il-fond numru 45/47 Triq Għajn Qatet, Victoria, Għawdex, u l-fond numru 48/46 Triq l-Arċisqof Pietru Pace, Victoria, liema fondi jinfdu ma' xulxin u jiffumaw dar waħda, bl-arja libera tagħhom; stmati flimkien għall-valur ta' €698,812 (Lm300,000);

2. il-mezzanin numru 45 Triq id-Duluri, Marsalforn, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm1.78,8; stmat €93,175 (Lm40,000);

3. ir-razzett bla numru u bla isem fi Triq San Leonardu, Victoria, u r-raba li jagħmel miegħu msejjaħ "ta' Żejta" tal-kejl ta' ċirka 1873m; stmat €465,875 (LM200,000);

4. biċċa raba' f'Victoria, Għawdex, fil-kontrada magħrufa "Ta' San Anard" tal-kejl ta' ċirka 28m.k., stmata €290 (Lm125);

5. żewġ għelieqi fil-limiti ta' Victoria, magħrufa "Ta' Żejta", waħda tal-kejl ta' ċirka 2248m.k. u l-oħra tal-kejl ta' ċirka 1498m.k.; stmati flimkien €38,817 (Lm16,664);

6. nofs (1/2) indiviz ta' biċċa raba imsejħa "Ta' l-Ibraċċ", kontrada "Ta' l-Ibraċċ", limiti ta' Victoria, tal-

---

[1] Ara Noti ta' rinunzji esebiti bhala Dokti.J,K,L u M fl-atti ta, dan ir-Rikors a fol. 33 -36 tal-process

[2] Ara verbali ta' l-udjenzi tas-16 ta' Jannar 2009 a fol.46 tal-process, u dik tas-27 ta' Marzu 2009 a fol.47

kejl ta' ċirka 374m.k., soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm0.16,7, stmat €3875 (Lm1663.70);

7. nofs (1/2) indiviż ta' żewġ biċċiet raba f'Victoria, Għawdex, fil-kontrada u maghrufa "Ta' l-Ibraċċ", soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm0.12,5; (a) waħda tal-kejl ta' ċirka 374m.k., stmata €3875 (Lm1663.70); u (b) l-oħra tal-kejl ta' ċirka 412m.k., stmata €4269 (Lm1832.70);

8. nofs (1/2) indiviż ta' żewġ biċċiet raba qrib ħafna xulxin f'Victoria, Għawdex, fil-kontrada magħrufa "Ta' Triq Għajn Qatet", soġġetti flimkien għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ skudi; (a) waħda tkejjel xi 468m.k., stmat (in-nofs indiviż) €308,642 (Lm132,500), u (b) l-oħra tkejjel xi 655m.k., stmat (in-nofs indiviż) €6787 (Lm2913.70);

9. biċċa raba f'Victoria, Għawdex, fil-kontrada "Ta' Triq Għajn Qatet" magħrufa "Ta' Fejn l-Abbatija" ta' xi 917m.k., soġġetta għal Lm0.13 ċens perpetwu, stmata €19003 (LM8158);

10. l-għalqa denominata "tal-Belliegħa" kontrada "Ta'Għajn Futni", limiti tax-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' ċirca 1124 m.k., stmata €11,646.8 (Lm5000); [3]

tal-valur totali dawn il-beni mmobbli: miljun sitt mija ħamsa u ħamsin elf u sitta u sittin euro u tmenin ċentezmu (€1,655,066.80). Ma ġiex spjegat jekk dawn il-beni kienux jappartjenu kollha lill-komunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti bejn il-konjuġi Micallef, inkella kienx hemm xi ħaġa li kienet parafernali ta' xi ħadd minnhom. Imma peress li l-atturi qed ifittxu l-leġittima sew fir-rigward ta' l-assi ta' Antonio Micallef, kif ukoll fir-rigward dawk ta' Michelangela Micallef, dan m'għandu jagħmel ebda differenza għall-fini ta' din il-kawża.

Beni mobbli ma rriżultawx. Għalkemm fil-kors tas-smiegħ tal-kawża konnessa saru referenzi għall-permess tar-

[3] Ara rapport peritali a fol.399 – 403 tal-process

razzett tal-baqar u l-kwota relattiva tal-ħalib li d-*decujus* kellu u li f'xi żmien qabel ma miet dawwar għal fuq ibnu George, l-attriċi f'dik il-kawża spiċċat biex qalet inekwivokament li ma kienet qed tippretendi xejn f'dan ir-rigward.[4] Da parti tagħhom, l-atturi presenti ma ressqu ebda provi dwar il-valur ta' dawn il-permessi, u jidher li lanqas huma ma qegħdin jippretendu li jiġi kkalkolat it-trasferiment ta' dawn il-permessi għall-fini ta' din il-kawża.

Donazzjonijiet lanqas ma rriżulta li saru. Għalkemm saru allegazzjonijiet li x-xiri ta' xi proprjetajiet mill-konvenuti Saver u George Micallef sar minn flus mgħoddija lilhom minn missierhom, ma tressqu ebda provi konkreti f'dan ir-rigward.

Irriżulta pero' li l-konjuġi Micallef kienu sselfu s-somma ta' għoxrin elf lira maltija (Lm20,000 jew fi flus kurrenti €46,587) mingħand l-istess żewġ uliedhom fl-okkazzjoni tal-marda terminali li kellha oħthom Antonia. Dan ġie anke rikonoxxut formalment fil-ħames artikolu tat-testment *unica carta* tagħhom tat-23 ta' Ġunju 1995.[5] Din iċ-ċifra għandha għalhekk tiġi mnaqqsa mill-valur ta' l-assi tal-konjuġi Micallef, biex iċ-ċifra li fuqha trid tinħadem il-leġittima dovuta lill-atturi tkun €1,655,066.80 – €46,587 = €1,608,479.80.

L-artikolu 616 (1) tal-Kap.16, kif kien jaqra qabel l-emendi tal-2004, u allura applikabbli għal każ in eżami, peress li l-konjuġi Micallef mietu qabel ma ġew fis-seħħ dawn l-emendi, kien jistipula li:

"**Il-leġittima tat-tfal leġittimi, jew ta' tfal leġittimati bi żwieġ li jsir wara, jew ta' tfal adottivi, hija ta' terz tal-beni tal-mejjet, jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erbgħa, jew in-nofs ta' dawk il-beni jekk ikunu ħamsa jew iżjed**."

Il-konjuġi Micallef kellhom sitt itfal, imma waħda minnhom Antonia, mietet qabilhom mingħajr ma ħalliet ulied jew

[4] Ara xhieda taghha in kontro-ezami tas-17.12.2010 a fol.435 tal-process tal-kawza citaz.nru.122/2003
[5] Dok.D a fol. 10 - 12 tal-process

dixxendenti, u allura l-leġittima dovuta lill-attriċi Maria Assunta Pace hija ta' wieħed minn għaxra (1/10) tal-beni li rriżultaw, u għalhekk għandu valur ta' €160,847.90. L-atturi l-oħra, bħala ko-eredi ta' missierhom Joseph Micallef, tifel ieħor tal-konjuġi Antonio u Michelangela Micallef, li miet qabel ma ġiet istitwita din il-kawża, imisshom wieħed minn tletin (1/30) parti minn dawn l-assi kull wieħed/waħda, u ċioé assi tal-valur ta' €53,615.90 kull wieħed/waħda. L-artikolu 620(1) ta' l-istess Kodiċi (qabel l-emendi tal-2004) kien jiddikjara li "**l-leġittima għandha tingħata fi proprjeta' sħiħa, u testatur ma jista' jgħabbiha b'ebda piż jew kondizzjoni**." Billi fl-assi tal-konjuġi Micallef hemm biżżejjed beni mmobbli li minnhom l-atturi jistgħu jieħdu din il-leġittima, għalkemm minħabba l-kwoti rispettivi tagħhom, mhux possibli li dawn jingħataw beni mmobbli separatament, dawn għandhom jingħataw indivizament bejniethom, kwantu għal nofs (1/2) indiviz lill-attri ċi Maria Assunta Pace u sest (1/6) indiviz lil kull wieħed/waħda mill-atturi l-oħra, l-fondi segwenti:

(i) nofs (1/2) indiviż ta' żewġ biċċiet raba f'Victoria, Għawdex, fil-kontrada u magħrufa "ta' l-Ibraċċ", soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm0.12,5; (a) waħda tal-kejl ta' ċirka 374m.k., stmata €3875 (Lm1663.70); u (b) l-oħra tal-kejl ta' ċirka 412m.k., stmata €4269 (Lm1832.70), indikati fil-partita numru (7) hawn fuq; u

(ii) nofs (1/2) indiviż ta' żewġ biċċiet raba qrib ħafna xulxin f'Victoria, Għawdex, fil-kontrada magħrufa "ta' Triq Għajn Qatet", soġġetti flimkien għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ skudi; (a) waħda tkejjel xi 468m.k., stmat (in-nofs indiviż) €308,642 (Lm132,500), u (b) l-oħra tkejjel xi 655m.k., stmat (in-nofs indiviż) €6787 (Lm2913.70), indikati fil-partita numru (8) hawn fuq;

\- li jġibu valur totali ta' €323,573 u għalhekk l-attriċi Maria Assunta Pace tkun trid tirrifondi lill-eredita' s-somma ta' €938.60, filwaqt illi t-tfal tal-mejjet Joseph Micallef ikunu jridu jirrifondu lill-eredita' €312.87 kull wieħed/waħda.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi u:

1. tillikwida l-leġittima spettanti lill-atturi mill-assi tal-ġenituri/nanniet tagħhom Antonio u Michelangela konjuġi Micallef u tiddikjaraha konsistenti fil-beni mmobiljarji segwenti, u ċioé’:

kwantu għal nofs (1/2) indiviż lill-attriċi Maria Assunta Pace u sest (1/6) indiviz lil kull wieħed/waħda mill-atturi l-oħra, mill-fondi segwenti:

(i) nofs (1/2) indiviż ta’ żewġ biċċiet raba f’Victoria, Għawdex, fil-kontrada u magħrufa “ta’ L-ibraċċ”, soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta’ Lm0.12,5; (a) waħda tal-kejl ta’ ċirka 374m.k., stmata €3875 (Lm1663.70); u (b) l-oħra tal-kejl ta’ ċirka 412m.k., stmata €4269 (Lm1832.70), indikati fil-partita numru (7) hawn fuq; u

(ii) nofs (1/2) indiviż ta’ żewġ biċċiet raba qrib ħafna xulxin f’Victoria, Għawdex, fil-kontrada magħrufa “ta’ Triq Għajn Qatet”, soġġetti flimkien għaċ-ċens annwu u perpetwu ta’ żewġ skudi; (a) waħda tkejjel xi 468m.k., stmat (in-nofs indiviż) €308,642 (Lm132,500), u (b) l-oħra tkejjel xi 655m.k., stmat (in-nofs indiviż) €6787 (Lm2913.70), indikati fil-partita numru (8) hawn fuq;

- li jġibu valur totali ta’ €323,573 u għalhekk l-attriċi Maria Assunta Pace tkun trid tirrifondi lill-eredita’ s-somma ta’ €938.6, filwaqt illi t-tfal tal-mejjet Joseph Micallef ikunu jridu jirrifondu lill-eredita’ €312.87 kull wieħed/waħda.

2. tikkundanna lill-konvenuti Francis Xavier u George aħwa Micallef, bħala uniċi eredi tal-mejtin Antonio u Michelangela konjuġi Micallef sabiex jassenjaw lill-atturi bejniethom dawn il-beni li jirrapresentaw il-leġittima dovuta lilhom skond il-liġi, likwidata *in-natura*; u

3. tinnomina lin-Nutar Dottor Paul George Pisani sabiex jirċievi u jippublika l-att opportun nhar is-Sibt 3 ta’ Novembru 2012 fl-uffiċċju tiegħu fil-ħdax ta’ filgħodu (11:00 a.m.) u lill-Avukat Dottor Damien Bigeni sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess kuntratt.

Billi din hija kawża għal-leġittima, l-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati mill-istess konvenuti Francis Xavier u George aħwa Micallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------